# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-5 t' April, 2016**

**Rikors Numru 1084/2012**

**Yalcin Sammut (karta tal-identita` numru 18492M)**

**vs.**

**Daniel Desmond Borg (karta tal-identita` numru 54990M)**

**Graeme Agius (karta tal-identita` numru 202491M**

**Joseph Barbara (karta tal-identita` numru 36291M)**

**Daikon Desmond Borg (karta tal-identita` numru 92192M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi fl-10 ta' Novembru, 2008, safa` vittma t'attakk vjolenti mhux ipprovokat ezegwit mill-intimati f'Hal-Luqa;

1.2. Illi dan l-attakk sehh meta ma' xi hbieb tieghu mar biex jigu kjarifikati xi affarijiet;

1.3. Illi minflok l-istess gew aggrediti;

1.4. Illi meta l-istess ipprovaw jaharbu mill-post ir-rikorrenti ma rnexxilux u gie aggredit mill-intimati;

1.5. Illi r-rikorrenti ssubixxa daqqiet ta' ponn, ta' sieq, u gie wkoll imsawwat b'hadida;

1.6. Illi *di piu`* l-istess rikorrenti thalla mitluq mal-art minghajr ghajnuna;

1.7. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti sofra griehi ta' natura gravi, ghamel zmien rikoverat l-isptar, u sofra danni;

1.8. Illi ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni minnhom ikkagunati lir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-aggressjoni fuq riferita;

1.9.2. Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrenti b'rizultat tal-istess, *occorrendo* bin-nomina ta' periti *nominandi* skont il-kaz;

1.9.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tad-danni hekk likwidati fi zmien qasir u perentorju;

1.9.4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-dikjarazzjoni tal-istess rikorrenti li essenzjalment tirriproduci l-imsemmi rikors guramentat promotur, (ara fol 5);

3. Rat l-ordni tal-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu impartiet l-ordnijiet procedurali hemm indikati, (ara foll 28);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-18 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha l-intimati Daniel Desmond Borg u Daikon Desmond Borg sintetikament wiegbu bil-mod segwenti ghar-rikors guramentat promotur:

4.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.2. Illi l-intimati odjerni ma kkagunaw l-ebda feriti jew hsara lir-rikorrenti;

4.3. Illi kemm il-darba r-rikorrenti sofra xi debilita` permanenti din kienet ikkawzata biss minn Graeme Agius jew minn persuni ohra – u mhux minnhom;

4.4. Illi ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4.5. Illi jekk ghall-grazzja tal-argument tinstab xi responsabbilita` da parti tal-intimati odjerni, ghandha ssir spartizzjoni tad-danni li jirrizultaw:

4.6. Illi fl-incident in dizamina kien hemm zaghzagh ohra involuti, u konsegwentement izommu d-dritt li jikkjamaw lill-istess fil-kawza odjerna;

4.7. Salv risposti ulterjuri;

4.8. Bl-ispejjez;

5. Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess intimati indikati fil-paragrafu precedenti li ma zzid xejn mas-suespost, (ara foll 34);

6. Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-24 ta' Jannar, 2013, li permezz taghha ottempora ruhhu mal-ordnijiet impartiti lilhu mill-qorti diversament preseduta, (ara foll 28 u 35);

7.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-5 ta' Frar, 2013, li permezz taghha l-intimat Joseph Barbara sintetikament wiegeb bil-mod segwenti ghar-rikors guramentat promotur:

7.1. Illi fl-incident in dizamina hu bl-ebda mod m'aggredixxa lir-rikorrenti;

7.2. Illi ghalhekk ma jistax jitqies responsabbli ghad-danni rikjamati;

8. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-27 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu, appuntat lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 43 u 44);

9.0. Rat ir-risposta guramentata tal-ahhar intimat involut Graeme Agius, datata l-10 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

9.1. Illi l-procedura in dizamina hi preskritta *a tenur* tal-artikli 2153 u 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9.2. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *stante* li r-rikorrenti odjern ma kkawza l-ebda dizabilita` permanenti;

9.3. Illi ghalhekk m'hu tenut ihallas l-ebda danni;

9.4. Illi r-rikorrenti ma sofra l-ebda danni;

9.5. Salv risposti ulterjuri;

10. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 61 u 67);

11. Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku datata t-23 ta' Mejju, 2013, (ara foll 64), u mahlufa fis-6 ta' Gunju, 2013, (ara foll 65);

12. Rat l-ordni ta' trasferiment ta' kawzi datat it-13 ta Frar, 2014, li permezz tieghu l-kawza odjerna giet trasferita lil din il-qorti kif preseduta, (ara foll 106 b);

13. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju involuta biex tirritorna l-inkartament lura fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 107);

14. Rat id-digriet taghha datat il-11 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 226 u 227);

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-23 ta' Lulju, 2015, (ara foll 230);

16. Rat in-nota tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimati datata l-24 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha, wara l-isforzi fir-rigward, (ara foll 236 sa 241), irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-intimati hemm indikati, (ara foll 243);

17. Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju u dik migjuba quddiemha;

18. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

19. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi l-fatti originali li taw bidu ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod prezenti:

20.1. Illi wara xi dizgwid li kien precedentement inqala bejn zewg gruppi ta' guvintur f'Paceville, l-istess gruppi kienu ftehmu biex jiltaqghu fit-8 ta' Novembru, 2008, halli jipprovaw jirrangaw is-sitwazzjoni li kienet zviluppat, (ara foll 49);

20.2. Illi r-rikorrenti ghalhekk mar fuq il-post miftiehem f'Hal Luqa ghal din il-laqgha u kien akkumpanjat minn tlett (3) ihbieb tieghu, (ara foll 49);

20.3. Illi ftit tal-mumenti wara waslet karozza fuq il-post li minnha hargu zewg (2) guvintur – wiehed minnhom addirittura b'hadida f'idejh, (ara foll 49);

20.4. Illi ghalkemm bdiet diskussjoni bejn iz-zewg gruppi, gie innotat li f'salt wiehed gew jigru ghal fuqhom grupp iehor t'ghoxrin guvni, b'vuci minnhom tghajjat "noqtluhom", (ara foll 49);

20.5. Illi kif ir-rikorrenti u shabu raw din l-emergenza tizviluppa harbu minn fuq il-post, (ara foll 49);

20.6. Illi f'dan il-mument ir-rikorrenti gie aggredit, twaddbitlu l-hadida ghal rasu fejn ghalkemm intlaqghat, xorta baqa` jigri, (ara foll 49);

20.7. Illi l-grupp tal-agressuri malajr lahaq lir-rikorrenti u infexx f'aggressjoni immana fuqhu billi bdew ituh bil-hadida, bil-ponn u bis-sieq fuq persuntu, (ara foll 49);

20.8. Illi meta rizultat tal-istess ir-rikorrenti waqa` ma l-art, l-aggressuri baqghu jinfjerixxu fuqhu, (ara foll 49);

20.9. Illi wara li l-aggressuri irtiraw minn fuq ir-rikorrenti wiehed minnhom irritorna fuqhu, staqsieh jekk kienx tajjeb u tah daqqa ohra ta' sieq f'rasu, (ara foll 49);

20.10. Illi eventwalment ir-rikorrenti qam bil-mod minn mal-art, inghaqad ma shabu, u marru lkoll flimkien ghand il-Pulizija, (ara foll 49);

20.11. Illi l-Pulizija sejhu ambulanza li rrikoverat lir-rikorrenti l-isptar, (ara foll 49);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi skont l-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta, (ara paragrafi numri tmienja, (8.), u hdax, (11.), aktar qabel), jirrizulta is-segwenti:

21.1. Illi r-rikorrenti kellu tbengila f'ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 64);

21.2. Illi rizultat tal-istess l-ghatu tal-istess ghajn kien maghluq u ghalhekk fl-ewwel tlett (3) ijiem li nzamm l-isptar ma setghax jigi ezaminat, (ara foll 64);

21.3. Illi r-rikorrenti seta` jigi ezaminat biss xi granet wara fejn irrizulta s-segwenti: (ara foll 64)

21.3.1. Illi kien jista` jara l-moviment tal-idejn, izda minn ghajnu x-xellugija seta` jara biss min-naha t'isfel tal-kamp viziv, (ara foll 64);

21.3.2. Illi kellu bidu ta' kataretta, *"mydriasis"* trawmatika, u ticrit fl-iris u fir-retina, (ara foll 64);

21.3.3. Illi rizultat tal-istess aggressjoni l-ghajn *de quo* bdiet titwerrec il-barra, kundizzjoni maghrufa bhala *esotropija*, u konsegwentement ir-rikorrenti kellu jigi operat fil-25 ta' Marzu, 2013, biex tigi ddrittata l-hsara riskontrata, (ara foll 64);

21.3.4. Illi ezami minn gewwa tal-istess ghajn indika s-segwenti: (ara foll 64)

21.3.4.i. Illi hemm hsara fir-retina tal-ghajn ix-xellugija;

21.3.4.ii. Illi hemm *“chorio-retinal pigment”* li jinvolvi l-*macula*;

21.3.4.iii. Illi n-nerv ottiku kien abjad u ghalhekk jindika li sofra xi hsara;

21.3.5. Illi l-ghajn il-leminija tar-rikorrenti kellha vista normali;

21.3.6. Illi in vista tar-rizultanzi fuq elenkati r-rikorrenti: (ara foll 64)

21.3.6.i. Tilef totalment l-uzu t’ghajnejh ix-xellugija;

21.3.6.ii Illi l-vista tal-istess ghajn in dizamina hi ta’ inqas minn 6/240;

21.3.6.iii. Illi rizultat tal-istess ma kienx mistenni li l-kundizzjoni tar-rikorrenti tista` tigi l-quddiem fil-futur;

21.3.7. Illi rizultat tas-suespost id-dizabilita` tar-rikorrenti giet stabbilita bil-mod segwenti:

21.3.7.i. Illi l-vista minn ghajnejh ix-xellugija intilfet kompletament - mija fil-mija – (100%);

21.3.7.ii. Illi t-totalita` ta’ dizabilita` tas-sistema viziva tar-rikorrenti giet stabbilita f’livell ta’ hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%);

21.3.7.iii. Illi rizultat tal-istess, il-grad ta' dizabilita` tal-persuna kollha giet stabbilita f'livell ta' erbgha u ghoxrin fil-mija, (24%);

Ikkunsidrat:

22.0. Illi l-intimat Agius jissolleva zewg (2) risposti ta' natura preliminari senjatament: (ara foll 58)

22.1. Dik naxxenti mill-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u

22.2. Dik naxxenti mill-artiklu 2154 tal-istess Kap;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi fil-kuntest in dizamina ghall-ekonomija tal-gudizzju ssir biss riferenza ghall-artiklu 2154 tal-Kap fuq indikat li ghandu jirrisolvi l-vertenza in dizamina;

23.1. Illi l-artiklu fuq indikat jiddetermina l-preskrizzjoni tal-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat;

23.2. Illi ghalhekk f'dan il-kuntest partikolari jistipula li biex tigi determinata din il-preskrizzjoni partikolari meta l-hsarat ikunu naxxenti minn reat:

> "... ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni Kriminali";

Ikkunsidrat:

24. Illi f'dan il-kuntest jirrizulta li fil-konfront tal-intimati odjerna kollha gia` ttiehdu proceduri kriminali li gew determinati b'mod konklussiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs. Daniel Desmond Borg, Graeme

Agius, Joseph Barbara, Daikon Desmond Borg, datata l-14 t'Ottubru, 2014, (ara foll 159 *et sequitur*);

25. Illi fir-rigward l-istess Qorti tal-Magistrati indikata fil-paragrafu precedenti sabet lill-imsemmija imputati (l-intimati odjerni), hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u dan skont l-artikli 17, 31, 48A, 214, 215, 218, 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali;

26. Illi ghalhekk ir-reati li ghalihom l-istess imputati instabu hatja jinkludu l-offiza gravi fuq il-persuna, (f'dan il-kaz, fuq il-persuna tar-rikorrenti Yalcin Sammut), (ara foll 189), liema offiza kkagunat dizabilita` permanenti u sfregju fil-wicc tar-rikorrenti Yalcin Sammut;

27. Illi fil-kuntest in dizamina allura japplika l-artiklu 216 tal-Kap 9 in dizamina li jistabbilixxi li:

> "L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tlett xhur sa tlett snin";

28. Illi *di piu`*, fit-termini tal-artiklu 218(1) tal-istess Kap 9 hu stabbilit li fil-kaz li l-istess offiza tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ... jew sfregju gravi u permanenti fil-wicc...:

> "L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn disa` xhur sa disa` snin";

Ikkunsidrat:

29. Illi f'dan il-kuntest, il-preskrizzjoni tal-procedura odjerna hi determinata mill-artiklu 688 tal-istess Kap 9 tal-Ligijiet fuq indikati:

30.0. Illi fil-kuntest in dizamina japplikaw is-subartikli (c) u (d) tal-istess artiklu 688 fuq indikat li jistipulaw rispettivament li l-preskrizzjoni fir-rigward hi s-segwenti:

30.1. "bl-eghluq ta' ghaxar snin ghad-delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn disa` snin u mhux anqas minn erba` snin";

30.2. “bl-eghluq ta’ hames snin ghal delitti suggetti ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ anqas minn erba` snin u mhux anqas min sena”;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess l-iter fattwali u gudizzjarju in dizamina li hawn irid jigi ezaminat f’dan il-kuntest jista` jigi sintetikament elenkat bil-mod prezenti:

31.1. Illi l-aggressjoni in dizamina sehhet ghall-habta ta’ l-10.00p.m. fi Triq il-Kunsill ta’ l-Ewropa, fl-10 ta’ Novembru, 2008, (ara foll 1 u 160);

31.2. Illi l-ewwel darba li l-istess avveniment ingieb a konjizzjoni tal-partijiet permezz t’att gudizzjarju kien meta r-rikorrenti intavola ittra ufficjali fil-konfront tal-intimati, liema ittra hi datata t-8 t’Ottubru, 2010, (ara foll 7), u notifikata lill-intimati kif jidher a foll 8;

32. Illi tenut kont tad-dati suesposti ghandu jkun pacifiku li l-ittra ufficjali in dizamina giet debitament notifikata *entro* il-perjodi stabbiliti mill-Kodici Kriminali ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna;

**DECIDE:**

33. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, ir-risposti preliminari tal-intimat Agius fir-rigward tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna qeghdin it-tnejn jigu respinti, bl-ispejjez fir-rigward kontra l-istess intimat Agius;

Ikkunsidrat:

34. Illi epurat is-suespost hu issa ghaqli li jigi indirizzat il-mertu veru u proprju tal-vertenza odjerna;

Ikkunsidrat:

35. Illi f'dan ir-rigward, jirrizulta stabbilit mill-ezami mediku tal-espert fuq riferit u mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fuq ukoll riferita, li r-rikorrenti sofra aggressjoni li kkawzatlu debilita` permanenti, jigi issa determinat min kien jew kienu l-persuni li kkagunaw l-istess debilita` fuq ir-rikorrenti;

36.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi minn ezami tal-istqarrijiet tal-istess intimati jirrizulta li kollha ppartecipaw fl-aggressjoni fuq ir-rikorrenti, (ara foll 81, 84 u 88);

36.2. Illi mill-istess jirrizulta li *stante* li r-rikorrenti hu ta' stazza pjuttost korpulenti, meta l-intimati grew warajh dawn lahquh facilment u meta waqa` r-rikorrenti ssawwat bis-sieq u bil-ponn, u sahansitra anke b'hadida;

36.3. Illi minn analizi tal-istess stqarrijiet tal-intimati jirrizulta li l-istess intimat Agius *ex admissis* sostna li sawwat lir-rikorrenti bl-imsemmija hadida, (ara foll 88), u jirrizulta wkoll li l-intimati Joseph Barbara u Daniel Desmond Borg ukoll sawtu lir-rikorrenti bl-istess hadida, (ara foll 81, 88 u 93), oltre li aggredewh ukoll fizikament;

36.4. Illi l-intimat rimanenti, Daikon Desmond Borg, jirrizulta li wkoll ha sehem attiv fl-imsemmija aggressjoni subita mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

37. Illi hu pacifiku mis-suespost li d-dizabilita` fuq riskontrata, (ara paragrafu numru wiehed u ghoxrin, (21.), aktar qabel), kienet direttament ikkawzata mill-aggressjoni kongiunta tal-intimati fuq ir-rikorrenti;

38. Illi d-dizabilita` riskontrata hi wahda verament serja u tikkonsisti f'telf tal-vista tar-rikorrenti min ghajnejh ix-xellugija;

**DECIDE:**

39. Illi tenut kont tal-analizi fattwali fuq elenkat ghandu jirrizulta pacifiku li l-intimati odjerni ghandhom jinzammu responsabbli ghall-akkadut *stante* li lkoll kienu direttament involuti fl-aggressjoni in dizamina fejn anke bl-azzjoni kongunta taghhom sehhew ukoll l-animu ta' xulxin biex jezegwixxu l-aggressjoni immana in dizamina;

40.0. Illi ghalhekk:

40.1. Filwaqt li takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fuq il-mertu tal-procedura odjerna kif minnhu espost fir-rikors guramentat tieghu;

40.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati fir-rigward tal-istess mertu in dizamina;

Ikkunsidrat:

41. Illi f'dan l-istadju tigi issa determinata l-kwistjoni tad-danni rikjamati mir-rikorrenti in konnessjoni mal-aggressjoni minnhu hekk subita u mad-dizabilita` permanenti rizultanti;

42.0. Illi f'dan il-kuntest id-determinazzjoni tar-risarciment dovut hi ispirata mill-artiklu 1045 tal-Kodici Civili li jistabilixxi li l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hi:

42.1. Ghal telf effettiv li l-eghmil in dizamina jkun direttament ikkaguna lill-parti li tbati l-hsara;

42.2. L-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara;

42.3. It-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali;

42.4. It-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta` jgib;

43. Illi sintetikament is-suespost jista` jigi konfigurat fi pregudizzju risarcibbli f'termini ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* li japplikaw esklussivament fil-fatti speci in dizamina *stante* li ma jemergu l-ebda elementi li jistghu jiggustifikaw *danni esistenzjali*;

Ikkunsidrat:

44. Illi fir-rigward tad-danni mitluba mir-rikorrenti, ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-telf effettiv, (*damnum emergens*), ir-rikorrenti rrizerva l-posizzjoni tieghu, (ara foll 39), salv li fin-nota tieghu indika l-istess b'mod globali li jinkludi wkoll it-telf ta' qliegh, (*lucrum cessans*), (ara foll 233), fl-ammont komplessiv ta' mitejn u ghaxart elef Ewro, (€210,000.00), (ara foll 233);

Ikkunsidrat:

45.0. Illi fir-rigward tal-*lucrum cessans* fuq gia` riferit jinghad is-segwenti:

45.1. Illi ir-rikorrenti hu impjegat izda ix-xoghol tieghu hu differenti minn dak li hu kellu fiz-zmien tal-incident in dizamina;

45.2. Illi *nonostante cio`*, jigi sottolineat li d-debitazzjoni permanenti minnhu sofferta f'ghajnejh ix-xellugija kif fuq espost xorta wahda jista` jkollha impatt negattiv fuq il-possibilitajiet li jista` jkollu fil-futur biex isib impjiegi alternattivi;

45.3. Illi kif gie ritenut mill-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **George Borg et *nomine* vs. Anthony Borg et**, datata l**-20 t'Ottubru, 2008**:

> "... illum huwa generalment rikonoxxut li kull dizabilita`, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effett fuq il-kapacita` lavorattiva ta' dak li jkun, xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista` jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal";

45.4. Illi fil-kawza **Carmelo Galea vs. Albert Mizzi et *nomine*** datata t-**23 t'April, 2001**, l-istess **Qorti tal-Appell** osservat f'dan il-qasam kellha tikkunsidra:

> "... dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita` permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu. Dana mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorattiva ghalih miftuha";

45.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li debilita` permanenti tista` dejjem, fil-futur, tkun t'intopp ghar-rikorrenti, u timpedieh milli jtejjeb il-qaghda finanzjarja tieghu billi jakkwista posizzjoni ahjar milli jkollu sa dak il-mument;

Ikkunsidrat:

46. Illi meta fl-2008 sehh l-incident in dizamina r-rikorrenti kien impjegat bhala *"stacker"* fil-*Pavi Supermarket*, (ara foll 49);

47. Illi pero` fir-rigward ir-rikorrenti jippekka fil-fatt li ma jipprezenta l-ebda dokument li jindika d-dhul minnu hemm percepit fil-mument tal-incident ghax-xoghol tieghu;

48. Illi jirrizulta pero` li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti pprezenta biss *"pay slip"* tal-2012, (ara foll 37);

49. Illi mill-istess *"pay slip"* jirrizulta li r-rikorrenti kien jippercepixxi dhul annwali ta' wiehed u ghoxrin elf u sitta u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu, (€21,066.36);

50. Illi f'dan ir-rispett, kalkolu approssimattiv biex jigi stabbilit is-salarju tar-rikorrenti fl-2008 iwassal li l-figura ta' salarju annwali ta' dsatax il-elf Ewro, (€19,000.00), ghandu jkun gust u ekwu;

Ikkunsidrat:

51. Illi fil-mument tal-incident ir-rikorrenti kellu zbatax il-sena, (17) u ghalhekk jirrizulta verosimili li potenzjalment kien ghad kellu

hajja lavorattiva ta' tmienja u erbghin, (48), sena ohra quddiemu;

52. Illi tenut kont tal-fatt li f'dan ir-rigward wiehed dejjem ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-incertezzi tal-hajja, qieghed f'dan ir-rigward jigi kkalkolat *multiplier* ghall-perjodu imnaqqas ta' tlieta u erbghin, (43) sena;

53.0. Illi tenut kont tal-fatt li:

5.3.1. L-incident sehh fl-2008;

5.3.2. L-kawza qed tigi deciza kwazi timin (8) snin wara l-incident li ta' bidu ghall-istess;

qed jigi ritenut gust u ekwu li fic-cirkostanzi tal-kaz, ma jigi mnaqqas xejn mill-*"lump sum payment"*

54. Illi f'dan ir-rigward, kif irriteniet il-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Caruana vs. Anthony Falzon**, datata l-**5 t'Ottubru, 2001**, li taghmel ukoll referenza ghad-decizjoni tal-**Prim' Awla** fil-kaz **Mark Caruana vs. Grazio *sive* Horace Camilleri**, datat il-**5 t'Ottubru, 1993**, din il-qorti tistabbilixxi li l-istess percentagg fuq riferit mhux ser jigi applikat fil-likwidazzjoni tal-kumpens, u dan bil-ghan li jikkumpensa ghad-dewmien tal-proceduri gudizzjarji;

55. Illi fid-dawl tas-suespost l-ammont ta' danni riskontrat qieghed jigi applikat bil-mod segwenti:

€19,000.00 (salarju annwali) x 43 (snin) x 24% (dizabilita` permanenti);

56. Illi ghalhekk id-danni hekk likwidati jammontaw ghal mija u sitta u disghin elf  u tmenin Ewro, (€196,080.00);

Ikkunsidrat:

57.0. Illi finalment, fir-rigward tat-tielet risposta guramentata tal-intimati Daniel u Daikon Desmond Borg li permezz taghha talbu l-ispartizzjoni tar-responsabbilita` u tad-danni konsegwenzjali jinghad sintetikament is-segwenti:

57.1. Illi tali risposta guramentata ssib ir-risoluzzjoni taghha fl-artiklu 1049 tal-Kap 16 fuq riferit;

57.2. Illi l-artiklu *de quo* jistabbilixxi s-segwenti:

(1) "Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta' dik il-hsara hija *in solidum*";

(2) "Meta xi whud minn dawn ikunu mxew dolozament, u ohrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati *in solidum*, u kull wiehed mill-ohrajn huwa obbligat biss ghal dik il-bicca tal-hsara li huwa nnifsu jkun ikkaguna";

58. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta assodat kif fuq sintetikament muri, (ara paragrafu sitta u tletin, (36.), u disgha u tletin, (39.), aktar qabel), li l-intimati kollha aggredew fizikament lir-rikorrenti;

59. Illi ghalhekk l-istess l-intimati kollha ghandhom iwiegbu bl-istess mod ghad-danni hekk subiti mir-rikorrenti;

60. Illi ghalhekk, anke fid-dawl tal-insenjament riprodott fil-kawza deciza mill-**Prim' Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **John Fitz u Shirley Gauci vs. l-Avukat Anthony Rutter Giappone *nomine*,** datata t-**18 t'Ottubru, 2013**, l-intimati kollha ghandhom iwiegbu ghall-hlas tal-hsara minnhom ikkagunata *in solidum*;

**DECIDE:**

61. Illi ghalhekk, anke din it-tielet risposta guramentata tal-intimati Daniel u Daikon Desmond Borg qeghda tigi respinta;

Ikkunsidrat:

62.0. Illi fid-dawl tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u filwaqt li ghar-ragunijiet fuq

esposti tirrespingi r-risposti rimanenti l-ohra kollha tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

62.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati kollha fuq indikati huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-aggressjoni minnhu subita;

62.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'rizultat tal-istess fl-ammont ta' mija u sitta u disghin elf u tmenin Ewro, (€196,080.00);

62.3. Tikkundanna lill-intimati kollha fuq gia` riferiti biex ihallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti fi zmien tlett (3) xhur millum;

62.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-ittra ufficjali *de quo*, senjatament it-8 t'Ottubru, 2010, sad-data tal-pagament effettiv.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**